MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32/2026-9

It-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji

32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 30/2026-9 u 31/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

32.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

32.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet u għalhekk il-minuti ġew approvati mill-membri.

32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.3.1 Is-Sindku awgura lil organizzaturi ta' Xwejni Music Fest, lil voluntiera kollha u lil għaqdiet involuti għaliex bis-saħħa tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom, l-attivita' kienet suċċess.

32.3.2 Is-Sindku informa lil membri li l-ħarġa għar-residenti f'Maletto kienet suċċess. Minħabba illi tħassret is-saga tal-frawli li ssir f'Maletto, il-Kunsill żar Sant'Alfio għas-saga taċ-ċirasa. Kompla jgħid li s-Sindku ta' Sant'Alfio laqa' lir-residenti Żebbuġin u propona li jibda' patt ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Kunsilli. Il-membri qablu. Irringrazzja lil Kav. Joe Bajada u lis-Segretarju Eżekuttiv għal l-organizzazzjoni ta' din il-ħarġa kulturali fi Sqallija.

32.3.3 Is-Sindku nforma lil membri li Fr Martin Cilia bgħat stedina uffiċċjali lil membri għal nhar il-Ħadd li ġej għaċ-ċelebrazzjoni tal-25 sena saċerdot li ser issir f'Birkirkara. Il-membri qablu li jingħata rigal għal din l-okkażżjoni.

32.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li ser terġa ssir l-Otters Fest f'Marsalforn. Il-membri qablu li l-Kunsill jikkollabora għal din l-attivita'.

32.3.5 Is-Sindku nforma lil membri li t-tindif matul il-ġimgħa tal-festa ser isir bħas-sena l-oħra jiġifieri mill-ħaddiema tal-Kunsill.

32.3.6 Is-Sindku awgura lil Kunsilliera Dott Marlene Cini għal ħatra tagħha bħala Chairman tal-Gozo Channel Co. Ltd.

32.3.7 Is-Sindku nforma lil membri illi kien imsejjaħ sabiex jattendi l-Qorti nhar l-14 ta' Lulju 2026 fejn il-gvern xtara sqaq fi Triq San Mikiel. Kompla jgħid li hu xehed fil-kawża u nforma lil Qorti li ma saret ebda talba mill-Kunsill għal dan.

32.3.8 Is-Sindku propona u l-membri qablu li tiġi organizzata ħarġa bid-dgħajsa wara l-festa għal familji Żebbuġin.

32.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

32.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

32.4.1.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex jinżebah metru double yellow line mal-garaxx 21, Triq Skapuċċina. Il-membri qablu.

32.4.1.2 Propona sabiex fejn il-pitch ta' l-Otters ASC tiġi nstallata tinda li tkun tista' tinqala sabiex meta jkun hemm il-logħob, ir-referee joqgħod taħta. Il-membri qablu li din tiġi ordnata mingħand John Vella.

32.4.1.3 Il-Viċi Sindku nforma lil membri li kif qal is-Sindku, ix-Xwejni Music Fest kienet suċċess u rringrazzja lil Kunsill għal kollaborazzjoni tiegħu ta' €1,000 f'dan il-festival.

32.4.1.4 Informa lil membri illi meta ġiet imwottija Triq il-Batterija, kellu jimtela' gandott li l-wiċċ tiegħu kien inġarr bl-ilma tax-xita. L-ispiża ma qabżitx is-€700.

32.4.1.5 Propona u l-membri qablu sabiex titranġa t-triq li minnha jgħaddu għal għalqa fejn jinħaraq in-nar tal-festa.

32.4.1.6 Propona u l-membri qablu sabiex jinbidlu l-viti tal-fence li hemm quddiem il-Pizza Stop fil-Qbajjar Promenade peress li ssaddu.

32.4.1.7 Ġibed l-attenzjoni li trakk taż-żibel partikolari qed jagħsar u jħalli intiena fil-Menqa. Għandha tingħibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

32.4.1.8 Propona u l-membri qablu sabiex tinħasel Triq is-Salini.

32.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

32.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Cini infurmat lil membri illi kemm il-bankina kif ukoll il-bankijiet li twaħħlu fuq il-belvedere fi Triq Sagħtrija ġew tajjeb ħafna. Għalhekk proponiet li jittellew imqar żewġ filati oħra u ssir kurduna tas-siment sabiex ma jkunx hemm perikolu. Il-membri qablu.

32.4.2.2 Talbet sabiex il-Kunsill jara li l-indafa fiż-Żebbuġ issir kif suppost mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa għal liema parti taż-Żebbuġ qed tirreferi. Il-Kunsilliera għandha tivverifika u tinfurmah lura.

32.4.2.3 Irringrazzjat lil kull min għen fl-organizzazzjoni tax-Xwejni Music Fest u fakkret li bil-qliegħ ser igawdu s-sitt għaqdiet li hawn fil-lokalita'.

32.4.2.4 Proponiet u l-membri qablu li tinżebaħ il-kurduna ta' Pjazza l-Assunta.

32.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

32.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli propona u l-membri qablu li tinżebah 'slow' fl-art fi Triq il-Lampuka.

32.4.3.2 Informa lil membri li Wied l-Abjad reġa' kiber il-ħaxix u għandu bżonn jinqata'. Is-Sindku nfurmah illi ser ikunu qed jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

32.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

32.4.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex għal bini tal-ħajt u r-repainting tas-sinjali tat-traffiku fi Triq l-Imgħallem.

32.4.4.2 Informa lil membri li fi Triq ir-Rabat faċċata tar-Reef Hotel kienet ser tinqala' ġlieda peress li qed jipparkjaw il-karozzi. Is-Sindku nfurmah illi qed isibu diffikultà sabiex jiżbgħu s-sinjal minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati. Il-Kunsill għandu jikkordina ma' Transport Malta għal implimentazzjoni ta' dawn is-sinjali.

32.4.4.3 Ġibed l-attenzjoni għal kulur li ġiet miżbugħa l-bankina ta' Triq Mons Gużeppi De Piro fejn qal li ma hix l-istess kulur. Is-Sindku nfurmah illi ż-żebgħa ġiet mixtrija mingħand l-istess fornitur. Għandu jiġi vverifikat hux l-istess lot number.

32.5 Materji Oħra

32.5.1 Ġew preżentati żewġ rapporti ta' evalwazzjoni fuq:

ZGLC/02/2026 – Works tender for pedestrian seating and play area at Triq Skapuċċina, Zebbug Gozo. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord t'evalwazzjoni u l-offerta ser tingħata lil Gokker Ltd.

ZGLC/03/2026 – Tender for the supply and installation of a play centre at Triq Skapuċċina, Zebbug Gozo. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord t'evalwazzjoni u l-offerta ser tingħata lil Gokker Ltd.

32.5.2 Kien hemm qbil li ssir team building event bejn il-ħaddiema kollha u l-membri tal-Kunsill fil-Bajja ta' taħt ix-Xifer nhar it-Tlieta, 4 t'Awwissu 2026

32.5.3 Rigward il-papri fil-Wied ta' Marsalforn, fuq proposta tal-Kunsilliera Dott. Marlene Cini, il-membri qablu li tintbgħat korrispondenza lil Kummissarju għal ħarsien ta' l-Animali u jintalab l-intervent ta' l-Eco Gozo.

32.5.4 Rigward il-kiosks tal-festa, il-membri qablu li għandha ssir komunikazzjoni ma' l-għaqdiet fejn jistgħu jiġu armati ħalli ma jtellfux l-organizzazzjoni tal-festa.

32.5.5 Intbgħatet stedina mis-Sindku ta' Maletto lil membri tal-Kunsill sabiex jżuru din il-belt fi Sqallija. Il-membri qablu li din iż-żjara ssir f'Ottubru 2026.

32.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li ġiet iffirmata mill-Kunsill il-letter of Intent tal-Victoria31 Għawdex għal European Capital of Culture 2031. Il-membri nnotaw il-kontenut.

32.5.7 Talba mingħand A. Vella fejn talab li ssir it-tiswija tal-bankina mkissra maġenb il-Knisja faċċata tas-Sagristija peress li hi perikoluża. Il-membri qablu.

32.5.8 Korrispondenza mill-AKL fejn is-Sindku ġie mistieden għal żjara fil-Vatikan flimkien ma Sindki oħra bejn l-20 u 22 t'Ottubru 2026. Il-membri qablu li s-Sindku għandu jattendi.

32.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li nħarġet is-sejħa għal Administration Officer II fost il-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni. Kompliet tgħid li din is-sejħa tagħlaq fil-31 ta' Lulju 2026. Il-membri qablu li l-bord ikun magħmul minn Daniel Galea-Accountant, Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Fontana u s-Sindku, Baskal Saliba waqt li Odette Camilleri tkun is-Segretarja tal-Bord.

32.5.10 Il-membri ġew infurmati illi Marvic u Joslin Camilleri jridu jagħmlu programm fuq il-festa' tar-raħal fuq il-programm 'Qabża'. Dan jiswa' €300. Il-membri qablu li dan isir għax jagħti spinta lil identita' tar-raħal.

32.5.11 Korrispondenza mill-Kappillan ta' Marsalforn rigward l-organizzazzjoni tal-Kwaranturi nhar is-16 t'Awwissu 2026. Il-membri nnotaw il-kontenut u qablu li l-Kunsill jgħin fit-tabelli tan-'no parking'.

32.5.12 Rigward l-appell fuq l-offerta' għal Project manager fuq il-proġett Loopzone, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kuntrattur Yama Yami irtira l-appell.

32.5.13 Talba sabiex tiġi installata bozza ġdida fil-wesgħa fi Triq il-Kaċċaturi. Il-membri qablu li din issir.

32.5.14 Talba sabiex tinżebagħ kaxxa safra quddiem nru. 8,Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri biex tkun tista' tirkeb mara anzjana. Il-membri qablu.

32.5.15 Talba sabiex jinżebaħ double yellow line fil-kantunier ta' Triq ta' Milied ma Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu.

32.5.16 Talba sabiex isiru it-tiswijiet meħtieġa ta' bankina ta' J Cini fi Triq Lifurna minħabba l-perikolu. Il-membri qablu.

32.6 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25/2026 għall-perjodu ta' Lulju 2026 li tammonta għal €92,959.046c ġiet approvata mill-membri preżenti . Kien hemm qbil illi Nru 78 ma jitħallasx sakemm il-fornitur jitlob skuża uffiċċjali lil Viċi Sindku għal ġlieda li qalgħet waqt attivita' uffiċċjali tal-Kunsill.

32.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.10 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2026 fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv